MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2014

Numru. 334/2012

**Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino)**
**(Spettur Roderick Zammit)**

**vs**

**Omissis**

**Silvio Pace**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Silvio Pace ta’ 43 sena bin Joseph u Victoria nee’ Pisani, imwieled Pieta’ fil-21 ta’ Novembru, 1968, residenti fil-fond Blk J Flat 5 Bini tal-Gvern Hamrun u detentur tal-karta tal-identita’ numru 477468(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Nhar is-26 ta’ Marzu 2012 ghall-habta ta’ 20:00hrs ta’ filghaxija gewwa Hal Qormi, ikkommetta serq ta’ ‘prodotti ta’ikel tal-annimali’ liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93 ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro) u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta’ Anthony Tanti u/jew persuna/i ohra;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli liema hsara hija aktar minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu izda ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu ta’ l-ewro ghad-dannu ta’ Anthony Tanti u/jew persuna/I ohra;

3. Sar recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’ diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Lil Silvio Pace wahdu talli:

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b’ digriet mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Mag Dr G Vella LLD li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija li ma johrogx mid-dar fejn jirrisjedi wara s-sebgha ta’ filghaxija;

Lil Omissis wahdu talli:

5. 4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b’ digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Mag Dr C Stafrace Zammit LLD li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija li ma johrogx mid-dar fejn jirrisjedi wara t-tmienja ta’ filghaxija.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta’ Marzu 2012 (esebit a fol. 8 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet maghmula mill-Prosekuzzjoni.

Rat li d-Difiza naqset li tipprezenta n-Nota ta’ Sottomissjonijiet finali taghha entro t-terminu lilha prefiss u dan nonostante li l-istess terminu gie estiz darbtejn.

Ikkunsidrat:

Illi fl-udjenza tat-3 t' April 2012 xehed l-iSpettur Roderick Zammit fejn qal li fis-26 ta' Marzu 2012 gie infurmat minn PS 1050 Simon Marshall li kien hemm habta bejn zewg karozzi f' Valletta Road Hal Qormi. Wahda minn dawn il-vetturi kienet ta' Anthony Tanti u dan kien qabad tnejn min-nies jisirqulu l-ixkejjer tal-gwiez mill-vann tieghu. Sid il-vettura l-ohra mahbuta kien l-imputat Silvio Pace u dan gie arrestat mill-Ghassa tal-Hamrun. Anthony Tanti kien gharaf persuna ohra li kienet fil-kumpanija ta' Silvio Pace u cioe' certu Victor Fenech u qal lil Pulizija li kien ra lil Victor Fenech maghruf bhala l-Kito jisraq xi xkejjer tal-gwiez li kellu fil-vann tieghu. Tanti mar fuqu izda Victor Fenech harab minn fuq il-post. Fil-vicin kien hemm karozza parkeggjata bin-numru tar-registrazzjoni AAA 892 u hdejha kien hemm il-proprjetarju Silvio Pace li prova jahrab minn fuq il-post izda waqt li kien qed jimmanuvra sabiex jahrab laqat il-vettura ta' Anthony Tanti. Dan tal-ahhar qal lill-Pulizija li fil-van kellu seba' u tletin xkora ghalf taz-zwiemel u fil-vettura ta' Silvio Pace nstabu xi xkejjer tal-gwiez fil-bagoll.

Fis-seduta tat-3 t' April xehed ukoll l-iSpettur Chris Pullicino fejn gie infurmat dwar arrest ta' zewg persuni li kienu involuti f' serq ta' gwiez ghad-detriment ta' Anthony Tanti. Flimkien mal-iSpettur Roderick Zammit kienu hadu stqarrija tal-imputat (a fol 19) fejn dan qallhom li kien Hal Qormi bil-karozza meta cempillu Victor Fenech sabiex jghaddi ghalih sabiex igorr xi xkejjer tal-gwiez. Pero xi ftit hin wara li kien qieghed fil-post fejn qallu Victor Fenech sabiex imur mieghu, kellu jahrab minn fuq il-post ghaliex beza' minn Anthony Tanti li huwa d-derubat.

Fl-istess seduta xehed ukoll PS 1050 Simon Marshall[1] fejn qal li fis-26 ta’ Marzu 2012 gie infurmat mid-derubat Anthony Tanti li kien ra xi nies fejn il-van tieghu li kellu xi xkejjer tal-gwiez fih fejn kienu qeghdin jigu misruqa. Huwa mar bil-vettura tieghu biex izomm vettura li kienet qieghda tipprova titlaq minn fuq il-post izda din habtet mal-vettura tieghu izda lahqu harbu minn fuq il-post. Huwa gharaf li f’ din il-vettura lil Victor Fenech maghruf bhala l-Kito u ha n-numru tal-vettura AAA 892 li kienet tappartjeni lill-imputat Silvio Pace fejn wara li saret tfittxija fiha nstabu diversi xkejjer tal-gwiez[2].

Fis-seduta tat-3 ta’ Mejju 2012 xehed Anthony Tanti fejn qal li fis-26 ta’ Marzu 2012 hareg mid-dar fejn innota persuna taqsam bi xkora gwiez u ddahhalha f’ vettura Fiesta. Huwa mar jigri warajh u gie wicc imb’ wicc ma’ persuna ohra li identifika bhala l-imputat Silvio Pace. Huwa mar ghall- karozza tieghu u saq sabiex jaghlaq it-triq lill-hallelin sabiex ma jaharbux. Wiehed minnhom niezel mill-karozza u beda’ jghid li ma kien jaf xejn u l-hallelin mbaghad harbu bil-pass. Ix-xhud kompla jghid li kif il-hallelin pruvaw jitilqu minn fuq il-post laqtu[3] l-vettura tieghu fejn huwa gharaf lill-imputat Silvio Pace bhala wiehed mill-persuni li kienu fuq il-post. Huwa kompla jghid li kellu ftit hsara fil-karozza tieghu izda kienu serqulu madwar 24 u 25 xkora gwiez fejn huwa jhallas bejn 22 u 25 Euro ghal kull xkora[4].

Fis-seduta tal-10 ta’ Mejju 2013 gew esebiti il-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest mahruga mill-Magistrat Gabriella Vella (dok EGF 1 a

[1] Fis-seduta tal-31 ta’ Mejju 2012 xehed PC 1316 Peter Agius fejn ikkonferma li kien dahal rapport dwar serqa ta’ gwiez minn gewwa van fejn id-derubat kien gharaf lil wiehed minnhom li kien certu Victor Fenech.
[2] PS 612 Theo Vella xehed fis-seduta tas-19 t’ April 2012 fejn ikkonferma r-rapport esebit a fol 50A
[3] Fis-seduta tas-26 ta’ Novembru 2012 xehed Martin Fenech fejn ikkonferma id-dokument esebit a fol 25 li hija stima ghal spray tal-vettura milquta.
[4] Fis-seduta tas-19 ta’ Lulju 2012 xehed David Ellul fejn ikkonferma li Anthony Tanti kien xtara diversi xkejjer tal-gwiez hekk kif jidher mill-ircevuta a fol 23.

fol 150). Waqt li fis-seduta tal-31 ta’ Mejju 2013 giet esebita sentenza fil-konfront tal-imputat bhala Dok CP 1.

Fis-seduta tat-28 ta’ Gunju 2013 xehed Victor Fenech fejn qal li fil-gurnata in dizamina huwa ma kien qal xejn lil Silvio Pace li kien sejjer jisraq il-gwiez. Huwa qal li kien cempel lil Silvio Pace biex iwaslu hdejn tat-Tooper Hal Qormi u sostna li kien hu li tefa’ l-gwiez fil-karozza tal-imputat.

Fl-udjenza tat-28 ta’ Marzu 2014 xehed l-imputat Silvio Pace fejn qal li fi-gurnata de quo kien mar iwassal it-tifel tieghu il-Marsa u wara mar ghal program ta’ kontra l-vizzju tax-xorb il-Furjana. Kif spicca cempillu Victor Fenech li qallu sabiex iwaslu halli jghabbi erbat ixkejjer gwiez. Huwa qallu sabiex jistennieh f’ post halli jkun jista’ jgib l-ixkejjer tal-gwiez halli jkun jista’ jwassalhomlu. Waqt li kien qieghed jistenna’ hdejn il-garage mar hdejn l-istage tal-linja jistenna lit-tifel tieghu fejn anki halla l-mobile tieghu fil-karozza. L-imputat qal li ra lil Victor Fenech jaqsam u rah jiehu xi haga minn vann u mbaghad ra persuna tmur fuqu. L-imputat nnega li kien mess xi xkejjer u qal li l–proprjetarju tal-ixkejjer tal-gwiez haseb li kellu x’ jaqsam mal-kaz. L-imputat kompla jghid li huwa mbaghad mar l-Ghassa tal-Hamrun sabiex jaghmel rapport minhabba li Victor Fenech qatt ma qallu li kien sejjer jisraq.

In kontro ezami l-imputat qal li ma kienx minnu li huwa prova jahrab minn fuq il-post ghaliex ma kellux ghalfejn jaghmel hekk. Huwa qal li mar l-Ghassa minhabba li dehrlu li Victor Fenech kien tradih minhabba li ma kienx qallu li kien sejjer jisraq u s-sid tal-ixkejjer ma riedx jisma’ dak li kien qieghed jghidlu.

Ikkunsidrat

Il-fatt speci ta’ dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fis-26 ta’ Marzu 2012 l-Pulizija gew infurmati li zewg persuni kienu involuti f’ serqa ta’ xkejjer ta’ gwiez tal-ikel ghall-annimali minn vann parkeggjat f’ Valletta Road, Hal-Qormi. Dawn l-ixkejjer kienu gewwa van ipparkjat li kien jappartjeni lil Anthony Tanti. Victor Fenech maghruf bhala l-Kito beda’ jgorr dawn l-ixkejjer minn dan il-vann u fil-mument li kien qieghed jaqsam Triq Valletta, f’ Hal Qormi, is-sid tal-ixkejjer, u cioe’ Anthony Tanti, lemhu u mar fuqu. Kif ra hekk Victor Fenech telaq jigri u warajh mar ukoll id-derubat. Kif dar id-dawra ra quddiem wiccu lill-imputat Silvio Pace fejn dan beda’ jghidlu li huwa ma kellu x’ jaqsam xejn. Anthony Tanti rega’ dar lura sabiex imur lejn il-karozza tieghu halli l-hallelin ma jaharbux izda gara li fil-manuvra sabiex kemm Victor Fenech u Silvio Pace jaharbu bil-karozza, habtu mal-vettura ta’ Anthony Tanti. Fil-frattemp, Silvio Pace mar l-Ghassa tal-Hamrun, skond hu sabiex jaghmel rapport minhabba li Victor Fenech kien dahlu f’ bicca inkwiet. Huwa gie arrestat fuq l-involviment tieghu f’ din is-serqa. Waqt il-kors tal-investigazzjoni l-Pulizija sabu gewwa l-vettura AAA 892 li kienet tappartjeni lill-imputat seba’ xkejjer tal-gwiez tal-ikel tal-annimali. Il-Pulizija interrogaw lil Silvio Pace fejn fl-istqarrija (esebita a fol 19) nnega li huwa kien jaf li Victor Fenech kien qallu li sejjer jisraq, Huwa kompla jghid fil-fatt li ma kienx minnu li prova jahrab minn fuq il-post. Min-naha l-ohra meta xehed Victor Fenech huwa kompla jghid li fil-fatt l-imputat ma kellu x’ jaqsam xejn ma din is-serqa ghaliex huwa ma kienx qallu li kien sejjer jisraq.

Ikkunsidrat

Il-Qorti ser taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta’ Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v

Peter Ebejer rigward xi prova trid tressaq il-Prosekuzzjoni in sosten ta` l-akkuzi taghha.

> “Ta min ifakkar li l-grad ta’ prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni li mhux xi grad ta’ prova li ma jhalli ebda ombra ta’ dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha u bl-applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.”

Kif gie deciz fis-sentenza Repubblika ta’ Malta v Dottor Lawrence Pullicino moghtija fis-7 ta’ Frar, 1991, huwa veru li l-ligi tirrikjedi l-ahjar prova, pero b’ daqstant ma teskludix l-ammissibilita ta’ provi sekondarji specjalment meta dawn ikunu l-unici provi disponibbli jew huma intizi sabiex isahhu l-ahjar prova.

Kif gie deciz fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Paul Farrugia moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-3 ta’ Marzu, 2000, hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha tar-reat, u dan permezz ta’ provi diretti jew indizzjarji li jwaslu sal-grad tal-konvinciment morali dwar htija lill-gudikant.

Il-Prosekuzzjoni fil-kaz odjern qed tibbaza l-kaz taghha kemm fuq provi cirkostanzjali, kif ukoll fuq provi diretti liema provi waslu lil din il-Qorti tkun moralment konvinta li l l-imputat Silvio Pace kien partecipi fis-serqa de quo. Kif gie deciz fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v David Gatt deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta’ Gunju, 1988, il-“provi cirkostanzjali huma bhal katina, li tintrabat minn tarf sa tarf b’

sensiela ta’ ghoqiedi li jorbtu ma xulxin u li flimkien jwaslu fl-istess direzzjoni.”

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta’ Gunju, 1988 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Lee Borg gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss.

Illi ghalhekk huwa importanti sabiex tkun tista tinstab il-htija, li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih (ir-reat principali ta’ serq) u ghalhekk il-Qorti trid tikkonsidra l-provi cirkostanzjali kollha kif ukoll provi ohra diretti li, jew jorbtu lill-imputat b’ mod univoku mar-reati addebitati lilu, jew ma jorbtuhx. Illi fil-kuntest tas-suespost din il-Qorti issa sejra tghaddi biex tikkonsidra l-provi mressqa u tara principalment jekk l-imputat jistax jitqies partecipi fis-serqa li tifforma l-mertu tal-kawza odjerna flimkien ma Victor Fenech

Illi l-vettura tal-imputat instabet fuq il-post fejn kienu qeghdin jigu mghobbija l-ixkejjer tal-gwiez tal-annimali. Fil-fatt hekk kif jidher fir-rapport esebit minn PS 612 u PC 637 (a fol 50A) ittiehdu diversi ritratti fejn din il-vettura AAA 892 jidher fiha diversi xkejjer tal-gwiez fuq wara tal-bagoll kif ukoll jidher fir-ritratti FS120597 – 12AWY 112 xkora ohra mitfuha fl-art vicin il-karozza msemmija hawn fuq. Din il-Qorti ma ghandiex dubju mill-verzjoni moghtija minn Anthony Tanti fejn dan qal li ra din il-vettura fuq il-post u li Tanti u Pace pruvaw jaharbu minn fuq il-post bil-konsegwenza li meta huwa prova jzommhom milli jaharbu dahlu fil-vettura tieghu bil-vettura li kienu qed jaharbu u mbaghad harbu minn fuq il-post bir-rigel. Anthony Tanti gharaf kemm lil Victor Fenech kif ukoll

lill-imputat bhal l-persuni li kienu fuq il-post u li pruvaw jaharbu. Ma hemm xejn fl-atti li oggettivament ghandu jinduci lil din il-Qorti li ma toqghodx fuq il-verzjoni moghtija minn Anthony Tanti.

Illi l-provi l-ohra bhal per ezempju il-fatt li fil-vettura tal-imputat li nstabet fuq il-post tas-serqa nstabu wkoll xi xkejjer tal-gwiez misruqa ma jhallu ebda dubju f’ mohh il-Qorti li l-vettura AAA 892 li kien qieghed jaghmel uzu minnha l-imputat sabiex jitghabbew fiha l-ixkejjer tal-gwiez li kienu qed jinsterqu. Kien biss l-intervent f’ waqtu tal-istess derubat li zamm il-vettura milli titlaq mill-post meta l-imputat u Fenech pruvaw jaharbu u dahlu fil-vettura tieghu.

Illi l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f’ dan il-kaz ma jhallu ebda dubju li l-imputat fil-fatt kien fuq il-post bil-vettura tieghu sabiex jippartecipa flimkien ma Fenech fir-reat ta’ serq tal-ixkejjer tal-gwiez, altrimenti huwa ma kellu ebda raguni il-ghala l-ewwel jipprova jahrab minn fuq il-post bil-vettura tieghu flimkien ma Tanti u mbaghad jahrab bir-rigel. Il-verzjoni tal-imputat fejn isostni li  prova jahrab minn fuq il-post ghaliex hass li ma giex emmnut mid-derubat meta qallu li ma kienx involut f’ xejn hija ghal kollox inverosimili. Il-Qorti l-anqas ma temmen li l-imputat ma kienx jaf x’ qieghed jigri specjalment meta kkonstatat li huwa stess qal fl-istqarrija tieghu li kien jaf min hu s-sid tal-vann u l-gwiez tant li t-tfal tieghu jkunu anki ma’ uliedu. Jekk verament Pace ma kellu x’ jaqsam xejn mas-serqa ma kellux ghalfejn jipprova jahrab minn fuq il-post bl-ixkejjer fil-bagoll.

Illi minn dan kollu li stqarr l-imputat din il-Qorti jidhrilha li l-imputat qieghed ikun kategoriku. Il-kliem tieghu tant kien kategoriku illi jeskludi kompletament li huwa kellu x’ jaqsam ma’ din is-serqa minhabba li Victor Fenech ma kienx qallu. Illi din il-Qorti issibha difficli li temmen din il-

verzjoni meta dan jaf bizzejjed li kien marbut b’ kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest biex ma jkunx barra f’ certu hinijiet sempliciment sabiex jaghmel pjacir lil xi hadd.

Ikkunsidrat

In vista tas-suespost din il-Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-akkuza principali tas-serq fil-konfront ta` l-imputat, u dan bl-aggravji tal-valur, (stante li kif xehed David Ellul li kkonferma l-ircevuta a fol 23) liema xkejjer ta’ gwiez kienu qeghdin jigu mizmuma gewwa vann. In oltre bl-applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali l-istess vettura uzata ghal garr tal-istess gwiez ghandha tigi konfiskata. Tirrizulta wkoll t-tieni akkuza u cioe` dik ta’ hsara volontarja fil-vettura t’ Anthony Tanti fis-somma komplessiva ta` €250. Illi t-tielet akkuza u cioe’ dik tar-recidiva wkoll tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mil-ligi (ara folio 154).

Illi in kwantu jirrigwarda r-raba akkuza (ara fol 150) rrizulta li l-imputat kien inghata l-helsien mill-arrest u wahda mill-kundizzjonijiet imposti kienet (dik numru 6 f’ dok EGF 1) li huwa jkun gewwa d-dar tieghu mis-sebgha ta’ filghaxija sat-tmienja ta’ filghodu. Illi jidher bic-car li l-imputat waqt il-hin ta’ din is-serqa suppost kien rinkazat ghaliex is-serqa saret fit-tmienja ta’ filghaxija.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 49, 50, 289, 261, 267, 270, 271, 279(a), 280(1), 325(1)(b), 579(2), 20 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmintax (18) –il xahar prigunerija.

B’ applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali l-Qorti inoltre tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAA 892 liema vettura ntuzat fis-serqa de quo.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------